# FIL-QORTI ĊIVILI

## SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum il-Gimgha 13 ta' Ottubru, 2023**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 102/2022 ISB**

**Canadian Financial Limited (C 54681)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tas-soċjeta' **Canadian Financial Limited**, intavolat fis-7 ta' Ottubru 2022, li permezz tiegħu talbet lill-Qorti sabiex:

> *"...tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji jerġa' idaħħal isem is-soċjetà Canadian Financial Group Ltd (C54551) fir-Reġistru tal-Kumpaniji u dan taħt dawk il-provvediment li jidhrilha xierqa u opportuni."*

U dan wara li ppremettiet:

*Illi l-azzjonisti tas-soċjetà Canadian Financial Limited (C 54681) kienu Ladislav Kludaj detentur tal-passaport Slovak B15998986, Vladimir Kludaj detentur tal-passaport Czech numru 42088419 u Canadian Financial Group Limited (C54551) li kellhom 1, 1 u 1,498 ismha rispettivament.*

*Illi jiġi rilevat li Canadian Financial Group Ltd hija propju il-holding company tas-soċjetà Canadian Financial Limited u kienet ġiet rreġistrata fit-tnax (12) ta' Diċembru 2011 sabiex tibda topera qasam ġdid ta' negozju.*

*Illi jirriżulta li fis-7 ta' April 2022 isem din is-soċjetà ġie mħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji.*

*Illi l-esponent iħoss ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Kumpaniji peress illi irriżulta lill-esponent li attwalment din is-soċjetà għad għandha numru ta' assi, kif wkoll jidher li sar żball amministrattiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-għeluq tal-accounts tal-kumpanija fejn dokument datat 2022 ġie ppreżentat mal-accounts tas-sena 2021 u għalhekk dan l-istess żball għandu bżonn jiġi rettifikat sabiex jirrifletti is-sitwazzjoni reali u eżistenti minn aspett finanzjarju. Illi dan il-fatt ser jiġi spjegat f'aktar dettall mill-awdituri tal-kumpanija li lesti jixhdu verbalment waqt is-smiegħ tal-kawża.*

*Illi dan ir-rikors qiegħed isir fit-terminu ta' ħames snin previst fl-artikolu 300B(1) tal-Kap. 386 u l-esponent huwa għaldaqstant persuna interessata fit-termini ta' dan is-subartikolu.*

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta` Ottubru 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-24 ta' Ottubru fl-10:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-25 ta' Ottubru 2022 (ara *tergo* ta` fol 7).

Rat illi fis-7 ta' Novembru 2022, ir-**Registratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta ir-risposta tiegħu (fol 8), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Canadian Financial Limited (C 54681) (minn issa 'l quddiem 'il-kumpanija') kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-12 ta' Diċembru 2011;*

*Illi b'riżoluzzjoni straordinarja, l-kumpanija għaddiet għall-proċess ta' xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali nhar l-14 ta' Diċembru 2021 skont l-Artiklu 265(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji (minn issa 'l quddiem "l-Att") u liema dikjarazzjoni ta' dan, skont kif rikjest mill-Artiklu 268(1) tal-Att, ġiet notifikata lir-Reġistratur permezz tal-Formola B(1)* ***(Dok. "MBR1")*** *flimkien mad-dikjarazzjoni li l-kumpanija kienet tista' tħallas id-djun tagħha kollha fi żmien tliet xhur* ***(Dok. "MBR2")****;*

*Illi likwidatur ġie maħtur, skont l-Artiklu 290(1) tal-Att nhar l-14 ta' Diċembru 2021* ***(Dok. "MBR3").***

*Illi l-kumpanija għaddiet mill-proċess ta' stralċ volontarju u ġew sottomessi d-dokumenti kollha lir-Reġistratur, skont kif rikjesti mill-Att, inkluż ir-rendikont, l-iskema ta' distribuzzjoni u r-rapport tal-awditur* ***(Dok. "MBR4")*** *flimkien mal-prospett tal-laqgħa li saret nhar il-31 ta' Diċembru 2021* ***(Dok. "MBR5")****;*

*Illi r-Reġistratur għaddiet sabiex skont l-Artiklu 275(1) tal-Att, tirreġistra tali dokumenti msemmija u tippubblika l-avviż msemmi fl-Artiklu 401(1)(e) tal-istess Att, liema avviż ġie ppubblikat nhar is-7 ta' Jannar 2022* ***(Dok. "MBR6")****;*

*Illi t-terminu tat-tliet (3) xhur mill-pubblikazzjoni ndikata f' Dok. NC8 skada fis-7 t'April 2022 u għaldaqstant, ir-Reġistratur proċediet bit-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru* ***(Dok. "MBR7")****;*

*Illi r-rikors odjern ġie ntavolat nhar is-7 t'Ottubru 2022 u permezz ta' dan ir-rikors, is-soċjeta' rikorrenti fl-aħħar paragrafu talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna biex l-isem tal-kumpanija Canadian Financial Group Ltd Limited (C 54551) jerġa jitpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dan ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Att. Illi ta' min jikkjarifika illi il-kumpanija msemmija mis-soċjeta' rikorrenti fl-aħħar paragrafu hija kumpanija li għadha attiva fuq ir-Reġistru, għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti kellha tirreferi għall-kumpanija Canadian Financial limited (C 54681), dik imsemmija fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur;*

*Illi irid jiġi rilevat ukoll illi l-artikolu tal-liġi ċitat fir-rikors promotur u ċioe l-artikolu 325(4), m'huwiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, billi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru wara illi ġiet sottomessa r-riżoluzzjoni straordinarja li biha r-Reġistratur ġiet infurmata li l-kumpanija għaddiet għall-proċess ta' xoljiment u stralċ volontarju. Għaldaqstant, id-deċiżjoni tar-Reġistratur li tħassar isem il-kumpanija kienet konformi mal-proċedura ta' stralċ volontarju kif preskritta mil-liġi;*

*Illi di piu', irid jiġi ssollevat illi r-Reġistratur ma rċeviet ebda notifikaformali jew informali, komunikazzjoni jew oġġezzjoni mingħand l-uffiċjali tas-soċjeta' rikorrenti jew persuna oħra interessata u għalhekk ma kien hemm xejn milli jżomm lir-Reġistratur milli tħares il-proċedura ordinarja;*

*Illi skont ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti, jidher illi t-talba tagħha hija msejjsa fuq il-fatt illi din is-soċjeta' għad għandha numru ta' assi u li kien sar żball amministrattiv fl-għeluq tal-accounts*

*u li dan l-istess żball għandu jiġi rettifikat sabiex jirrifletti s-sitwazzjoni reali u eżistenti minn aspett finanzjarju;*

*Illi r-Reġistratur m'għandha l-ebda oġġezzjoni sabiex dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati mill-kumpanija. Madanakollu l-artikolu tal-liġi ċitat fir-rikors promotur m'huwiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, għaldaqstant għandha ssir id-debita korrezzjoni fl-atti tal-kawża;*

*Għaldaqstant ir-Reġistratur hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkunu xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2022, deher l-Avukat Alex Scerri Herrera għas-soċjeta' rikorrenti u l-Av. Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat illi f'dik l-istess udjenza, id-difensur tal-intimat ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti u tas-soċjeta' rikorrenti għall-fatt illi r-rikors promotur jidher illi sar ai termini tal-Att 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta anke jekk jirriżulta li l-istralċ tal-kumpanija kien wieħed volontarju.

Rat ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti intavolat fit-3 ta' Frar 2023 (fol 36) li permezz tiegħu ppreżentat affidavit ta' Dennis Mark Gauci b'dokument anness (fol 38 sa fol 40), kif ukoll talbet lil din il-Qorti:

1. *Talba għal-korrezzjoni fl-isem tas-soċjeta' attriċi f'dawn il-proċeduri li għandha tinqara bħala Canadian Financial Limited (C54681) u mhux Canadian Financial Group Limited (C54551) u dan ai termini tal-artikolu 175(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Talba għal-korrezzjoni li l-kawża għar-rivavviment tal-kumpanija qed ssir ai termini tal-artikolu 300B(1)*

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu ordnat in-notifikati lill-kontro parti b'ġimgħa għar-risposta.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023, id-difensur tal-intimat ħadet konjizzjoni tat-talbiet magħmulha fir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti tat-3 ta' Frar 2023 u iddikjarat li m'għandhiex oġġezzjoni għat-talbiet hemmhekk imresqqa.

Rat ukoll id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu laqgħet it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti u ordnat il-korrezzjonijiet relattivi.

Rat illi permezz ta' nota intavolatat fl-4 ta' April 2023 (fol 44) is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat ir-rikors b'urġenza intavolat mis-soċjeta' rikorrenti fid-19 ta' April 2023 (fol 45) li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex il-każ jitħalla għas-sentenza in vista tad-dikjarazzjoni tal-istess soċjeta' li m'għandhiex provi xi tressaq, kif ukoll in-nuqqas t'oġġezzjoni da parti tal-intimat. Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' April 2023 li permezz tiegħu ordnat in-notifika lill-kontro parti b'ġimgħa żmien għar-risposta.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2023, filwaqt li astjeniet milli tippronunzja ruħha fuq ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti tad-19 ta' April 2023, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għal-llum għall-provediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

## Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta mill-atti illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li s-soċjeta` rikorrenti hija waħda mill-azzjonisti fil-kumpanija kummerċjali b'responsabilita limitata bl-isem ta' **Canadian Financial Group Limited (C 54551),** liema kumpanija ġiet reġistrata fid-12 ta' Diċembru 2011 u sussegwentament *struck off* nhar is-7 ta' April 2022 u dana permezz proċess ta' likwidazzjoni volontarja.

Illi jirrizulta illi fil-kors tal-likwidazzjoni u l-eventwali distribuzzjoni tar-rimanenti assi tas-soċjeta *de quo*, tħallew barra xi assi kif ukoll sar żball amministrattiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-għeluq tal-kontijiet tal-kumpanija fejn dokument datat 2022 ġie ppreżentat mal-kontijiet annwali tas-sena 2021 u għalhekk dan l-istess żball jeħtieġ jiġi rettifikat sabiex jirrifletti s-sitwazzjoni reali u eżistenti minn aspett finanzjarju.

Illi jirrizulta għalhekk illi s-soċjeta' rikorrenti għandha interess illi l-kumpannija kummerċjali b'responsabilita` limitata Canadian Financial Group Limited terġa` tiġi restitiwita fuq ir-Reġistru sabiex isiru l-korrezzjonijiet neċessarji.

Fix-xhieda tiegħu, **Dennis Mark Gauci**, fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur tas-soċjeta' Canadian Financial Limited jispjega li meta sar il-proċess tal-għeluq tal-kontijiet annwali tas-sena 2021, bi żvista, ittieħed in konsiderazzjoni *waiver agreement* (li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu) datat l-1 ta' Jannar 2022. Jgħid li l-imsemmi ftehim kellu jittieħed in konsiderazzjoni għall-perjodu finanzjarju li jibda fl-1 ta' Jannar 2022.

Jispjega li sabiex dan l-iżball jiġi rettifikat, jeħtieġ li jsir rivavviment tal-kumpanija *de quo* sabiex il-kotba jkunu jirriflettu s-sitwazzjoni vera u reali.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi jirriżulta illi l-posizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-process ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Illi dan jevita ċertament lok għal abbuz. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

## Ikkunsidrat Ultejrorment:

## Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:

*(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*

> (2) *Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*
>
> (3) *Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi kien sar żball fil-kontijiet annwali tas-sena 2021 u dan billi ġie sottomess dokument li kien ikopri s-sena 2022 u mhux is-sena 2021.

Il-Qorti tinnota li għalkemm fir-rikors promotur ġie indikat li s-soċjeta' *de quo* għad għandha xi assi li ma ġewx distribwiti, dawn l-assi bl-ebda mod ma rriżultaw mill-provi u għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li ma tieħux konjizzjoni tagħhom.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li s-soċjeta' rikorrenti intavolat din il-proċedura sabiex jiġi korrett żball li sar fir-rendikont annwali tagħha tas-sena 2021 sabiex dan ikun jirrifletti s-sitwazzjoni vera u reali. B'hekk la darba r-rendikont tas-sena 2021 huwa wieħed skorrett, isegwi li r-rendikont li ngħata lill-intimat fil-proċess ta' stralċ voluntarju huwa wkoll skorrett u għalhekk jammonta għal illegalita' ta' natura materjali.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpannija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod issir il-korrezzjoni neċessarja msemmiha fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-**Professur Andrew Muscat** ighid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a*

> *liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[1]

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni tas-soċjeta' rikorrenti, li l-proċedura tal-istralċ kif ukoll il-proċess sabiex jiġi sottomess ir-rendikont annwali jinħtieġu aktar attenzjoni sabiex żbalji jew żvisti simili għal dak li seħħu fil-każ odjern ma jirrepetux ruhom.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust illi tqis l-izball fir-rendikont qabel ma ġie ffinalizzat tal-istralċ tal-kumpannija kif hawn fuq spjegat bhala illegali u jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u konsegwentament:

1. Tordna li l-isem **Canadian Financial Limited (C54681)[2]** jerġa` jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.

2. Tordna illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpannija **Canadian Financial Limited (C54681)[2]** limitatament sabiex jittieħdu l-passi u l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġi korrett ir-rendikont annwali tas-sena 2021 tal-istess kumpanija.

3. Taħtar lil Rodrick Xuereb sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija **Canadian Financial Limited (C54681)[2]**.

4. Tordna lill-istess stralċjarju Rodrick Xuereb sabiex jaghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jittieħdu l-passi u l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġi korrett ir-rendikont annwali tas-sena 2021 tal-istess kumpanija u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

---

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

[2] B'digriet tas-26 ta' Ottubru 2023 "Canadian Financial Group Limited (C54551) ġie korrett u jaqra "Canadian Financial Limited (C54681)".

a) Illi dan il-process ta' kontinwazzjoni u finalizazzjoni tal-process ta' l-istralc tal-kumpannija **Canadian Financial Limited (C54681)**[2] għandu jkun komplut sa zmien massimu ta' sena mill-llum, b'dan illi wara din is-sena ir-Reġistratur intimat jkollu s-setgha illi jerġa' jneħħi isem il-kumpannija msemmija minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji;

b) F'eventwalita' illi l-korrezzjonijiet neċessarji jiġu konklużi qabel t-trapass tas-sena msemmija, allura is-soċjeta' rikorrenti għandha tavża b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji minnufih.

c) Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralcarju tagħha sabiex isir xi haġa oħra, għajr għal dak hawn deċiz u huwa għalhekk illi l-Qorti qed taghmilha cara illi una volta' ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpanija **Canadian Financial Limited (C54681)**[2] tista` biss, entro l-perjodu massimu hawnekk konċess, tgħaddi biex tagħmel il-korrezzjoni hawn fuq imsemmiha u xejn aktar.

d) Illi l-ispejjes ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija kummerċjali b'responsabilita` limitata **Canadian Financial Limited (C54681)**[2] fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpannija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**